# Il-knisja ta' San Anton Abbati fix-Xagħra



Dettall tal-istatwa ta' San Anton Abbati li tinħareġ waqt il-purċissjoni



Joe Chetcuti
joechetcuti@onvol.net

Issa li għaddew il-festi tal-Milied, fix-xahar ta' Jannar il-Knisja Kattolika tiċċelebra l-festa ta' San Anton Abbati.

Dan il-qaddis mill-Eġittu għex bejn is-snin 251 AD u 356 AD. Il-festa tiegħu ssir fil-Knisja Kattolika fis-17 ta' Jannar u f'dik Koptika fit-30 ta' Jannar.

Il-ħajja ta' San Anton Abbati nafuha mill-kitbiet ta' Athanasius ta' Lixandra, li kitbietu għenu biex ixerrdu l-ħajja monastika fil-pajjiżi tal-Punent.

San Anton hu, fost oħrajn, il-protettur tal-annimali u tal-mard fil-ġilda. Il-marda 'Ħruq ta' Sant' Antnin' (Herpes Zoster) hi msemmija għalih. Ilu meqjus bħala l-qaddis patrun tal-annimali.

F'pajjiżna nsibu ħames kappelli jew knejjes żgħar iddedikati lilu u dawn jinsabu fix-Xagħra Għawdex, fil-Mosta, fil-Buskett u fl-Għemieri fil-limiti tar-Rabat (kodedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni). Teżisti wkoll devozzjoni kbira lejn dan il-qaddis fil-Knisja tal-Patrijiet Agostinjani fir-Rabat fejn s'issa għadha ssir il-festa tiegħu flimkien mat-tberik tal-annimali.

F'Għawdex id-devozzjoni lejn dan il-qaddis tmur lura għal ħafna snin. Tant hu hekk li milli jidher fix-Xagħra fl-1400 diġà kien hemm kappella żgħira ddedikata lilu fil-parti magħrufa bħala Hainxeibe (Għajn Xejba). Din fil-fatt kienet inbniet mill-familja De Camire Hinzi li ħallew benefiċċji biex issir il-festa ta' dan il-qaddis f'din il-kappella, biex jitqassam ħobż u nbid wkoll fil-festa u biex il-knisja tinżamm f'kundizzjoni tajba.

Meta Mons. Dusina żar din il-kappella, sab li kellha ċimiterju żgħir imdawwar b'ħajt quddiemha. Ir-rettur tagħha kien Dun Leonardus De Agacijs. Il-kappella ma kellha la bieb u lanqas ornamenti u Dusina ordna li fi żmien xahar jsirilha bieb. Sakemm isir dan, Dun Leonardus kellu jqaddes fil-knisja parrokkjali tal-gżira t'Għawdex, għax il-parroċċa tax-Xagħra twaqqfet fl-1688.

Jidher li l-kappella reġgħet inbniet fl-1601. Il-kappella l-ġdida nbniet b'forma rettangolari, b'zuntier li kien jintuża bħala ċimiterju quddiemha. Id-devozzjoni lejha kompliet tikber, tant li f'rapport ta' żjara pastorali li saret fl-1608 jingħad li kienet tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna. Ma reġax għadda wisq żmien li din il-knisja kellha terġa' titkabbar, minħabba li l-kongregazzjoni kienet dejjem tiżdied. F'dan it-tkabbir żdied ukoll il-kampnar żgħir, fejn kienet tqegħdet qanpiena biex issejjaħ lin-nies tal-inħawi għall-quddies. Skont ma jingħad fil-viżta pastorali tal-Isqof Balaguer Camarasa.



Il-kappella ta' San Anton Abbati fix-Xagħra minn ġewwa

Ta' min isemmi wkoll li din il-Knisja ta' San Anton Abbati serviet bħala l-ewwel parroċċa tar-raħal tax-Xagħra. L-Isqof Davide Cocco Palmieri ħatar lix-Xagħra flimkien ma' tlett irħula oħra tal-parroċċa fit-28 ta' April tal-1688.

Festi speċjali kienu saru meta s-sagrament tpoġġa għall-ewwel darba fiha fil-5 ta' Ġunju 1688. Damet isservi bħala parroċċa sal-1692. L-ewwel Kappillan kien Dun Bernard Formosa li dam sal-1699, sakemm inħatar Kanonku tal-Kolleġ-ġjata tar-Rabat. Dun Bernard miet fl-1700. Minkejja li l-Knisja ma baqgħetx tintuża bħala l-parroċċa tax-Xagħra, din baqgħet f'qalb in-nies u l-festa ta' dan il-qaddis baqgħet tiġi ċċelebrata xorta.

L-ewwel snin tas-seklu dsatax kienu żmenijiet mill-aktar koroh għal din il-kappella minħabba li kienet fiċ-ċentru tal-imxija tal-pesta tal-1814. Il-pesta f'Malta faqqgħet fl-1813, imma minħabba l-prekawzjonijiet drastiċi, din damet ma laħqet lil Għawdex sas-sena ta' wara, l-1814. Sadanittant Malta kienet diġà ħelset minn din l-imxija tant kerha.

Jingħad li l-pesta laħqet Għawdex minn għonnella li kienet ta' mara li mietet bil-pesta f'Malta. Ċerta Anġla Galea mix-Xagħra kienet ġabet din l-għonnella infettata għal bintha Rosaria. Dawn it-tnejn kienu l-ewwel żewġ vittmi tal-pesta f'Għawdex u flimkien ma' Casimiro Rapa, is-sagristan tal-kappella, kienu ndifnu fil-kappella ta' San Anton Abbati. Din il-pesta ġarret magħha 104 persuna mix-Xagħra, u l-inħawi tal-kappella kienu l-aktar li ntlaqtu ħażin. Sal-lum, quddiem l-artal, għadna naraw il-post fejn indifnu dawn l-imsejkna.

L-isfortuna kompliet tiġri wara din il-kappella antika, għax fl-1942, waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, intlaqtet minn bomba fi ħbit tal-għadu mill-ajru. F'dak iż-żmien, il-kappella kienet qed tintuża u kienet fi stat tajjeb ħafna.

Wara dan il-fatt traġiku, il-kappella kienet profonata mill-Isqof ta' Għawdex Mikiel Gonzi, minħabba li kienet f'xi periklu li tiġġarraf. Is-suċċessur ta' Gonzi, Monsinjur Ġużeppi Pace, kien devot ħafna ta' San Anton Abbati. Hu xtaq li din il-knisja tiġi salvata. Għalhekk innomina lil Dun Ġużepp Farrugia mix-Xagħra, li kien joqgħod viċin din il-knisja, biex jieħu ħsieb ix-xogħol.

Ix-xogħol beda mill-ewwel, tant li l-knisja nfetħet u ġiet ikkonsagrata mill-ġdid f'Settembru tal-1947. Fl-1955 imbagħad reġgħet tkabbret u quddiemha nbena zuntier ġdid. Wara dan ix-xogħol il-knisja tbierket mill-ġdid mill-Isqof Pace dik is-sena stess.

Ftit tas-snin wara reġa' nħass il-bżonn li l-knisja terġa' titkabbar. Bl-alterazzjonijiet li saru, il-faċċata biddluha minn waħda sempliċi għal waħda aktar ornamentali, u sar ukoll kampnar ġdid. Hawn min jgħid li dan it-tibdil ħassar l-oriġinalità u s-sempliċità ta' kif kienet il-kappella li nbniet fl-1601. Biss oħrajn isostnu li issa l-faċċata għandha dehra aħjar.

Fix-Xagħra Għawdex għadha tiġi ċċelebrata bil-kbir il-festa ta' San Anton Abbati. Din issir fl-ewwel Ħadd wara s-17 ta' Jannar, li hu jum il-festa liturġika tiegħu. Tfal, żgħażagħ u kbar iġibu kull xorta ta' annimali minn għasafar, klieb u qtates sa bhejjem kbar bħal żwiemel u ponijiet biex skont it-tradizzjoni li nżammet, l-Isqof ta' Għawdex iberikhom. Din iċ-ċerimonja ilha ssir minn żmien il-Kavallieri, u huma stess kienu jġibu l-bhejjem tagħhom biex jitbierku.

Wara ssir purċissjoni bl-istatwa ta' San Anton Abbati u l-barka sagramentali tagħlaq il-festa.

*Għal iktar informazzjoni żur is-sit www.kappellimaltin.com*